MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Numru. 585/2006

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
MOHAMMED BOUABID

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohammed Bouabid, nazzjonalita' Marokkina, ta' 45 sena, bin Abdusalam u Kadiga, imwieled Fes, Marokk nhar l-4 ta' Marzu 1961, fil-prezent mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, detentur ta' passaport Marokkin bin-numru M572922, akkuzat talli nhar it-8 ta' Gunju 2006, f'Malta, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih, u dan bi ksur tal-Artiklu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, xjentement ghamel uzu minn dokument iffalsifikat, u dan bi ksur tal-Artiklu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, bhala persuna li embarkat jew disembarkat minn Malta, ta jew gieghel li tinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz u/jew ta lil Ufficjal Principal ta' l-Immigrazzjoni informazzjoni falza, u dan bi ksur tal-Artiklu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fid-9 ta' Gunju 2006.

Rat li l-imputat inghata zmien ragjonevoli sabiex jirripensa ruhu ghar-rigward l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 189 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 5 tal-Kap 61 u Artiklu 32(1)(c) tal-Kap 217, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------